# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Numru 4**

**Avviz numru 511/94 DM**

**Paul u Patricia konjugi Sciberras u b'nota tat-23 t'April 1999 Mark Aquilina u Maria Dolores Grech Aquilina assumew l-atti minflok Paul u Patricia konjugi Sciberras stante l-esponenti xtraw il-proprjeta**

**vs**

**Joseph u Guza konjugi Catania**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-26 ta' Mejju 2000 liema sentenza taqra kif gej :

"Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-fond konsistenti

f'remissa b'gardina annessa maghha, accessibbli minn entratura li kienet iggib in-numru 3, fi Sqaq numru 4, f'Parish Street, Imqabba, stante li qeghdin jokkupawh minghajr ebda titilu u liema fond huwa proprjeta assoluta ta' l-atturi;

Ghall fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond huwa ta' sebghin lira maltija.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecepew:

Illi in linea preliminari r-rikorrenti iridu jipprovaw t-titolu li ghandu fuq il-fond in kwistjoni.

Illi fil-mertu, l-eccipjenti ghandhom titolu validu ta' lokazzjoni fuq il-fond de quo;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 1995 fejn gie nominat Joseph Gaffiero bhala espert kaligrafiku.

Rat id-digriet tat-23 t'April 1996 fejn Joseph Gaffiero gie sostitwiet b'Dr Anthony Abela Medici.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi biex jirribattu t-talba tal-atturi l-konvenuti qed jallegaw titolu a lokazzjoni. Infatti pproducew provi bizzejjed biex jistabilixxu illi Eugenio Sciberras kien fil-fatt ikkonceda l-fond

in kwistjoni b'titolu ta lokazzjoni lill-konvenuti u dan wara li l-inkwilin procedenti, Joseph Vassallo, kien irrilaxxja l-pussess tal-istess fond.

Dawn il-fatti ma humiex ikkontestati, izda l-atturi jinsistu li Eugenio Sciberras la kien propjetarju tal-fond u lanqas ma kien awtorizzat mis-sidien biex jamministra l-beni taghhom u li ghalhekk meta dan irrilaxxja l-pussess tal-fond lill-konvenuti u ftiehem fuq il-kera dan kien qed jikkommetti abbuz li b'ebda mod ma kien jorbot lis-sidien u l-kuntatti u akkordji bejn Eugenio Sciberras u l-konvenuti kienu 'res inter alios acta' u ma jistghu b'ebda mod jippregudikaw id-drittijiet tas-sidien.

Ghalhekk biex jista jinghad li t-titolu vantat mill-konvenuti jista jorbot lis-sidien atturi, jispetta lill-konvenuti li jippruvaw li l-lokazzjoni li kkutrattaw ma Eugenio Sciberras u martu Carmela kienet qed issir bil-konoxxenzza u approvazzjoni tas-sidien, li kienu originarjament Antonia Chircop u wara l-mewt taghha l-eredi taghha, Antonio Chircop.

Kif sewwa rrileva l-abbli difensur tal-konvenuti fin-nota tal-osservazjonijiet tieghu, meta s-sid ta fond isir jaf b'xi kirja li nghatat minn terzi dwar il-proprjeta' tieghu u nonostante din ix-xjenza ghal zmien twil ma jqajjem ebda opposizzjoni, fin-nuqqas ta xi cirkostanzi negattivi, ghandu jigi stabbilit li l-kirja tkun munita bl-approvazzjoni tacita tas-sid u takkwista validita' fil-konfront tieghu.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li s-sid Antonia Chircop kienet tabita fl-istess fond mal-konjugi Sciberras, genituri tal-atturi originali, u kienet bil-fors konxja li l-pussess tal-istess gjardina u remissa ma kienx ghandha u seta kien ghand Eugenio Sciberras jew koncessjonarji tieghu.

Izda b'daqshekk biss ma jisghax jigi dedott li s-sid kienet taf li l-pussessuri tal-fond taghha kienu qed igawdu titolu ta lokazzjoni.

L-istess pero’ ma jistghax jinghad ghall-eredi taghha, zewgha Antonio Chircop. Meta dan jittrasferixxa lill-attur Paul Sciberras il-fondi in kwistjoni bhala parti mill-eredita’ ta’ Antonia Chircop, fil-kuntratt relattiv tad-29 ta’ Settembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Burlo’ (a fol 10), wara d-deskrizzjoni dettaljata tal-istess remissa u gjardina, ikkwalifika il-proprjeta’ bhala “prezentament mikrija lill-terzi”.

Billi ma jirrizultax mill-provi illi l-fond seta dak iz-zmien kien mikri u fil-pussess ta xi hadd iehor oltre l-konvenuti Catania, r-riferenza hija bilfors ghall-kirja li kien ikkuntratta Eugenio Sciberras mal-konvenuti u dakinhar tal-att gia’ korrenti.

Din l-istess riferenza serviet ukoll biex l-atturi Sciberras ma jkollhomx ghafejn jiddubitaw mil-lokazzjoni korrenti favur il-konvenuti u evidentement l-istess lokazzjoni serviet ukoll biex tinfluwixxi fuq l-ammont ta’ korrispettiv stabbilit bejn il-partijiet fic-cessjoni tal-eredita’.

Ghaldaqstant il-Qorti tistabilixxi illi l-lokazzjoni miftehma bejn il-konvenuti u Eugenio Sciberras kienet giet a konoxxenza tas-sidien u giet minnhom accettata u approvata u ghalhekk torbot ukoll l-aventi kawza taghhom.

Konsegwentament tiddikjara illi l-konvenuti ghandhom titolu validu ta lokazzjoni fuq il-fondi in kwistjoni u ghalhekk tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.”

Minn dik is-sentenza appellaw Mark Aquilina u Dolores Grech Aquilina permezz ta' rikors tal-Appell prezentat fit-8 ta' Gunju 2000 li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddeciedi illi tilqa' t-talbiet attrici filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

L-appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fis-27 ta' Gunju 2000 u qed jitolbu r-rigett tal-appell bl-ispejjez.

L-appellanti ghandhom diversi aggravji illi brevement huma dawn li gejjin :

(1) Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti strahet fuq dak li allegaw il-konvenuti appellati kemm fil-vers hmistax tal-ewwel paragrafu kif ukoll fit-tieni paragrafu tan-nota taghhom u cioe' li s-sid originali Antonia Chircop kienet taf u accettat li l-fond meritu ta' din il-kawza kien mikri lill-konvenuti appellati. Tul il-kawza kollha, minn imkien ma jirrizulta li Antonia Chircop setghet qatt kienet taf li l-fond in kwistjoni kien mikri lill-konvenuta.

(2) It-tieni aggravju huwa fis-sens illi huwa ovvju li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet dwar l-allegata kirja li kollox jindika li saret hekk.

(3) It-tielet aggravju huwa dirett lejn l-allegata konkluzjoni erroneja tal-Ewwel Qorti li meta Annunziato Chircop biegh il-proprjeta' in kwistjoni "mikrija lil terzi", "ir-riferenza hija bilfors ghall-kirja li kien ikkuntratta Eugenio Sciberras mal-konvenuti".

(4) Ir-raba' u l-ahhar aggravju ukoll jirrigwarda l-approvazzjoni tacita tas-sid ghall-kera kkuntratta minn terzi.

L-appellanti wkoll jipprecizaw, u dan a skans ta' dizgwid, li hemm zewg punti. Fl-ewwel lok, huma jaghmlu referenza ghall-paragrafu 3 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-appellati fejn intqal li l-esponenti ippruvaw "iqarrqu" billi qabdu ma' zball fix-xhieda tal-konvenuta biex jallegaw li

hija qatt ma kellha kirja, anqas minghand Eugenio u Carmela Sciberras. Fil-fatt din l-allegazzjoni qatt ma saret. It-tezi dejjem kienet li l-allegata kirja moghtija lil Catania kienet nulla ab initio. Fil-fatt fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-esponenti la qatt saret referenza ghat-tahwid kbir fid-diversi deposizzjonijiet li tat l-appellata, u anqas ghall-fatt li t-tghawwig taghha wassal biex jirrinunzjaw ghall-patrocinju taghha z-zewg Avukati precedenti li kellha. Fit-tieni lok, huma jaghmlu referenza ghall-paragrafu 6 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-appellati fejn gie sottomess li gja la darba Paul Sciberras huwa iben Eugenio Sciberras, Paul Sciberras, allura, huwa bilfors l-eredi tieghu u qua eredi ma jistghax jattakka l-validita ta' xi haga li ghamel missieru. Din is-sottomissjoni ma tregix u dan ghal tlett ragunijiet : l-ewwel 'il ghaliex il-kirja saret ukoll minn Carmela Sciberras li ghadha hajja, it-tieni 'il ghaliex il-konkluzjoni li Paul Sciberras huwa bilfors l-eredi ta' missieru hija gratuita ; u t-tielet ghaliex meta nfethet il-kawza odjerna, Eugenio Sciberras kien ghadu haj.

Din il-Qorti tibda biex tghid bhal l-appellati illi essenzalment mir-rikors tal-Appell jirrizultaw zewg fatti principali u cioe' l-ewwel illi l-appell huwa kwazi nterament ibbazat fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' provi u t-tieni illi r-realta' l-argumenti li qed jingiebu 'l quddiem in sostenn tat-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata jispostaw l-argument principali li fuqu hija bbazata s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellati infatti l-punt principali ma kienx dak li qed jissottometti l-appellanti imma l-fatt li kien hemm il-koabitazzjoni ma' ta' Sciberras.

Dana bilfors xi ftit jew wisq jillimita l-parametri li fihom trid topera din il-Qorti fl-espletar tal-funzjoni taghha bhala Qorti tal-Appell minhabba li jrid ikun hemm fl-ewwel lok ragunijiet gusti biex tiddipartixxi mill-

apprezzament tal-provi kif ikun gie maghmul mill-Qorti tal-Prim'Istanza u li ma tispostax f'dan l-esercizzju l-binarju tal-meritu tal-kawza fejn mhux suppost u fejn mhux kontemplat mill-ligi. In realta', din il-Qorti tara wkoll li mill-matassa komplikata ta' provi li gabu f'dan il-kaz, kif ukoll tas-sottomissjonijiet konfliggenti u akkuzi reciproci ta' qerq u abbuzi ohra, ikun azzardat hafna ghal din il-Qorti illi tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti li fl-essensa tieghu din il-Qorti taqbel li huwa korrett fi kwalunkwe kaz. In realta' hija taqbel mas-sottomissjoni tal-appellati illi kollox kien koncentrat fuq il-fatt tal-kunsiderazzjonijiet illi hemm fis-sentenza appellata u specjalment fit-tieni pagni fil-bidu tat-tieni pagna taghha u li in realta' ma setghux ikunu differenti. Din il-Qorti ppruvat tifli s-sentenza appellata bicca bicca fl-isfond tal-provi u anke tal-allegazzjonijiet illi gabu appellanti pero' tara li ma tistax, anke lontanament, tibda biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti minghajr ma qabel tasal ghall-konkluzjoni li ma temminx dak kollu illi l-Ewwel Qorti evidentament hassitha komda u serena illi temmen. M'hemm xejn li jikkonvinci lil din il-Qorti li ghandha tiddeciedi altrimenti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta' din l-Istanza a karigu tal-appellant.

Dep/Reg

mg